# L-Istabbilimenti ta’ Akkomodazzjoni Kollettiva: K2/2024

NR 155/2024 Data tal-Ħruġ: 26 ta’ Awwissu 2024

*Fit-tieni kwart tal-2024, l-għadd kollu ta’ persuni li qattgħu xi ljieli fi stabbilimenti ta’ akkommodazzjoni kollettiva laħħaq s-705,053, filwaqt li l-għadd kollu tal-iljieli mqattgħin kien ta’ 3,018,815.*



Fit-tieni kwart tal-2024, il-biċċa l-kbira ta’ dawn l-iljieli kienu mgħoddijin f’lukandi ta’ erba’ stilel, b’47.9 fil-mija tal-għadd sħiħ (Tabelli nri 1 u 2).

Meta mqabbel mal-istess perjodu ta’ sena qabel, it-tul medju ta’ dawn iż-żjajjar fl-istabbilimenti ta’ akkomodazzjoni kollettiva żdied għal 4.3 ljieli. L-użu nett ta’ sodod kien ta’ 69.1 fil-mija, żieda ta’ 0.7 punti perċentwali meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2023 (Tabella nru 3).

F’Ġunju li għadda, f’pajjiżna kien hawn 317-il stabbiliment ta’ akkomodazzjoni kollettiva, li bejniethom kellhom 21,237 kamra tas-sodda u 48,687 sodda (Tabella nru 4).

**Analiżi tar-reġjuni**

Fit-tieni kwart tal-2024, l-għadd sħiħ ta’ persuni li qattgħu xi ljieli fi stabbiliment ta’ akkomodazzjoni kollettiva f’Malta kien ta’ 674,574, li huwa żieda ta’ 11.1 fil-mija fuq l-istess perjodu ta’ sena qabel. Kien hemm ukoll żieda ta’ 12.7 fil-mija fl-għadd ta’ ljieli mqattgħin sabiex dawn laħqu iż-2,930,155. F’Għawdex u Kemmuna, il-persuni li qattgħu xi ljieli fi stabbiliment ta’ akkomodazzjoni kollettiva żdiedu b’4.4 fil-mija sabiex laħqu t-30,479, filwaqt li l-iljieli li għamlu żdiedu b’5.3 fil-mija sabiex laħqu t-88,660 (Tabelli nri 1 u 2).

Meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena ta’ qabel, it-tul medju taż-żjajjar f’Malta baqa’ 4.3 ljieli. F’Għawdex u Kemmuna ukoll ma nbidilx it-tul medju taż-żjajjar u baqa’ 2.9 ljieli. F’Malta, l-użu nett ta’ sodod żdied b’0.7 punti perċentwali sabiex laħaq s-70.2 fil-mija, filwaqt li dak f’Għawdex u Kemmuna żdied b’0.8 punti perċentwali u laħaq l-44.7 fil-mija (Tabella nru 3).

**Jannar-Ġunju 2024**

Fl-ewwel nofs tas-sena 2024, l-għadd sħiħ ta’ persuni li qattgħu xi ljieli fi stabbiliment ta’ akkomodazzjoni kollettiva laħħaq il-1,199,520, li huwa żieda ta’ 14.8 fil-mija meta mqabbel mal-istess żmien ta’ sena qabel (Tabella nru 1). L-iljieli mqattgħin żdiedu bi 15.2 fil-mija u laħqu il-5,005,220 lejl (Tabella nru 2). L-użu nett tas-sodod żdied bi 2.2 punti perċentwali sabiex laħaq id-59.4 fil-mija (Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. L-għadd sħiħ ta’ persuni li qattgħu xi ljieli fi stabbilimenti ta’ akkomodazzjoni kollettiva u l-għadd ta’ ljieli mqattgħin

